MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Numru. 566/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alex Paul Miruzzi)**
**v**
**JOSEPH FARRUGIA ta' sebgha w ghoxrin sena bin Silvestru u Maria xebba Galea, imwieled Rabat, Ghawdex fit-tnejn w ghoxrin ta' Marzu, 1977 u residenti "Sweet Lord", Triq Marsilja, Sannat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 9077G.**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **JOSEPH FARRUGIA** ta' sebgha w ghoxrin sena bin Silvestru u Maria xebba Galea, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Marzu, 1977 u residenti "Sweet Lord", Triq Marsilja, Sannat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 9077G gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli fid-disgha t'Awissu 2004 u fix-xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer kellu fil-pussess tieghu diversi speci ta' ghasafar, hajjin jew mejtin, jew parti minn xi ghasafar, li ma kienux inkluzi fl-Iskedi I, II jew III li jinsabu mar-Regolamenti tal- Avviz Legali Numru 146 tas-sena 1993 kif sussegwentement emendat, kemm-il darba ma ppruvax li dawk l-ghasafar, jew partijiet minnhom, kienu importati b'mod legittimu jew li kienu mrobbija fil-maqful jew li kienu rregistrati mad-Direttur;

2. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi ezebixxa, importa, jew esporta, garr jew offra ghall-bejgh jew kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur haj jew mejjet jew parti ta' xi ghasfur li ma humiex imsemmija fl-Iskedi I, II jew III ta' dawn ir-regolamenti, kemm-il darba ma ppruvax li dak l-ghasfur kien importat b'mod legittimu jew li kien imrobbi fil-maghluq;

3. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi minghajr l-awtorita' tad-Direttur, moghtija bir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ornis, biegh, offra ghall-bejgh, partat jew xort'ohra ddispona minn xi ghasfur li hu protett permezz tal-Avviz Legali Numru 146 tas-sena 1993 kif sussegwentement emendat;

4. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi ftiehem jew ipprova jiftiehem, jew ghin, hajjar, ta parir jew qabbad lil xi persuna ohra biex tikser id-dispozizzjonijiet ta' l-Avviz Legali Numru 146 tas-sena 1993 kif sussegwentement emendati.

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena skond il-ligi, tikkonfiska tas-sitt ghasafar esebiti mill-prosekuzzjoni.
Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Ottubru 2004.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta'

dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

**Ghalhekk il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 3(a) tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat JOSEPH FARRUGIA hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi li tikkundannah ghal hlas ta' multa komplessiva ta' mitt (100) lira maltin.**

**Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta taghti l-fakulta lil imputat ihallas tali multa f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa w ghoxrin [25] lira maltin u f'kaz li l-imputat jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames liri dovuta.**

**Tordna wkoll l-konfiska tal-ghasafar esibiti mill-prosekuzzjoni.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------